Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/2015(INI)

12.1.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti – rapport annwali għas-snin 2019-2021
(2022/2015(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Evin Incir

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti – rapport annwali għas-snin 2019-2021 (2022/2015(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 1, 9, 10, 11 u 16 tiegħu,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 41 u 42 tagħha,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2008 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (COM(2008)0229),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' Marzu 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2011)0137),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-UE[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2019 dwar l-inkjesta strateġika OI/2/2017 tal-Ombudsman dwar it-trasparenza tad-diskussjonijiet leġiżlattivi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-UE[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
[2] ĠU C 168E, 14.6.2013, p. 159.
[3] ĠU C 337, 20.9.2018, p. 120.
[4] ĠU C 411, 27.11.2020, p. 149.

Unjoni[5] (id-Direttiva dwar l-Informaturi),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti (l-Artikolu 122(7)) – Rapport annwali għas-snin 2016-2018[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar it-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-UE billi jiġi stabbilit korp tal-etika indipendenti tal-UE[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar it-trasparenza tal-UE fl-iżvilupp, ix-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2022 dwar ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2020[9],

– wara li kkunsidra r-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ippubblikat f'Mejju 2022,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2022 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar is-suspetti ta' korruzzjoni mill-Qatar u l-ħtieġa usa' ta' trasparenza u responsabbiltà fl-istituzzjonijiet Ewropej[11],

– wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Ombudsman Ewropew,

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament tal-2019, l-2020 u l-2021 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali[12],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 54 u 122(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

[5] ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17.
[6] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 54.
[7] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 159.
[8] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 99.
[9] ĠU C 342, 6.9.2022, p. 58.
[10] Testi adottati, P9_TA(2022)0362.
[11] Testi adottati, P9_TA(2022)0448.
[12] ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, (A9-0000/2023),

A. billi t-TUE jipprevedi li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib taċ-ċittadini[13]; billi t-TFUE jipprevedi li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom iwettqu xogħolhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ u li ċ-ċittadini u r-residenti jrid ikollhom id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti[14]; billi dan huwa dritt fundamentali importanti ħafna peress li jippermetti liċ-ċittadini jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom li jiskrutinizzaw il-ħidma tal-UE u jsegwu l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE;

B. billi l-ftuħ jibni l-fiduċja; billi l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom jagħmlu ħilithom biex ikollhom fil-mira l-ogħla standards possibbli fil-qasam tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-integrità; billi l-ftuħ u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili huma indispensabbli għall-promozzjoni tal-governanza tajba fl-istituzzjonijiet tal-UE;

C. billi fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini esprimew in-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom bin-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u esprimew ix-xewqa li jkun hemm aktar involviment taċ-ċittadini u obbligu ta' rendikont akbar;

D. billi l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u s-soluzzjonijiet tekniċi evolvew f'dawn l-aħħar snin; billi dan il-fatt jista' jirrikjedi l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet u linji gwida tekniċi ġodda;

E. billi l-punti ta' tħassib ewlenin imqajma fl-inkjesti li ngħalqu mill-Ombudsman fl-2021 kienu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u d-dokumenti (29 %), segwiti mill-kultura ta' servizz (26 %) u l-użu xieraq tad-diskrezzjoni (18 %)[15];

F. billi fil-każ 1499/2021/SF[16], l-Ombudsman sabet li r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti relatati man-negozjati leġiżlattivi kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina;

G. billi r-rispons tal-Unjoni għall-kriżi tal-COVID-19 wera l-kapaċità tagħha li taġixxi, iżda wera wkoll il-ħtieġa li jkun hemm aktar trasparenza fi ħdan l-Unjoni;

H. billi l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 f'Diċembru 2011; billi n-negozjati dwar dak ir-regolament ilhom wieqfa mill-2012; billi l-UE assumiet ħafna responsabbiltajiet ġodda minn meta daħal fis-seħħ ir-regolament; billi żieda fir-responsabbiltà tirrikjedi żieda fit-trasparenza sabiex il-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE

[13] L-Artikolu 10(3) tat-TUE, moqri fid-dawl tat-tlettax-il premessa tal-preambolu tiegħu, kif ukoll tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 9 tiegħu.
[14] L-Artikolu 15 tat-TFUE.
[15] https://www.ombudsman.europa.eu/mt/doc/annual-report/mt/156017, p. 31.
[16] https://www.ombudsman.europa.eu/mt/decision/mt/157727.

jibqgħu sostnuti f'għajnejn iċ-ċittadini;

Żviluppi reċenti

1. Jinsab imħasseb serjament li Membri, ex Membri, u persunal tal-Parlament Ewropew huma allegati li involvew ruħhom f'korruzzjoni u ħaslu l-flus u li pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali bi skambju għal influwenza fuq id-deċiżjonijiet tal-Parlament; ifakkar fl-importanza tat-trasparenza fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fl-iżgurar tal-obbligu ta' rendikont tal-persuni li jwettqu dmirijiet pubbliċi; jinnota li livell għoli ta' trasparenza jagħmilha aktar faċli li jiġu segwiti l-attivitajiet relatati mal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jista' jgħin biex jiġu esposti l-attivitajiet kriminali;

2. Jinnota bi tħassib li fl-2021, wara talba għall-aċċess pubbliku għall-messaġġi testwali li ġew skambjati bejn il-President tal-Kummissjoni u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' kumpanija farmaċewtika dwar ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19, il-Kummissjoni lanqas biss aċċettat li tfittex kif xieraq tali messaġġi testwali, aħseb u ara li tagħti aċċess pubbliku għalihom; ifakkar li r-reġistrazzjoni ta' dokument hija konsegwenza tal-eżistenza ta' dokument u mhux prerekwiżit għall-eżistenza tiegħu; jappoġġja s-sejba li għamlet l-Ombudsman ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni f'dan il-każ[17];

3. Jinnota bi tħassib li problema komuni li dak li jkun jiffaċċja fit-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti hija r-rifjut tal-aċċess mill-istituzzjonijiet abbażi ta' argumenti insostanzjali; itenni li istituzzjoni li tinvoka waħda mill-eċċezzjonijiet għall-aċċess għandha twettaq evalwazzjoni oġġettiva u individwali u turi li r-riskju għall-interess protett huwa prevedibbli u mhux purament ipotetiku, u għandha tiddefinixxi kif l-aċċess għad-dokument ikun jipperikola b'mod speċifiku u effettiv l-interess protett[18]; jenfasizza li jista' jkun possibbli li jiġu żvelati xi partijiet ta' dokument meta partijiet oħra jkollhom bżonn li jiġu protetti; jinnota b'interess il-kawża imressaq kontra l-Kunsill talli spiss jirrikorri għall-predikat ta' "dokument ta' ħidma" informali[19]

4. Jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni tirċievi l-akbar numru ta' applikazzjonijiet inizjali għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti (8 420 fl-2021), segwita mill-Kunsill (2 083 fl-2021) u mill-Parlament (499 fl-2021); Jirrikonoxxi l-fatt li r-rata ta' rispons tal-istituzzjonijiet hija ġeneralment pjuttost pożittiva (fl-2021, kienet ta' 75 % għall-Kummissjoni, 89.5 % għall-Kunsill u 95 % għall-Parlament);

5. Jiddispjaċih għall-fatt li l-aċċess għall-pariri tas-Servizzi Legali rispettivi tal-istituzzjonijiet huwa limitat wisq; jinnota b'interess li l-Qorti enfasizzat li l-kwistjoni ta' jekk opinjoni ġuridika hijiex partikolarment sensittiva tiddependi minn jekk il-kontenut tal-opinjoni nnifisha huwiex partikolarment sensittiv, u mhux fuq jekk il-proċess leġiżlattiv relatat mal-opinjoni huwiex sensittiv[20];

6. Jilqa' l-istabbiliment min-naħa tal-Frontex ta' reġistru tad-dokumenti fuq sit web

[17] https://www.ombudsman.europa.eu/mt/decision/mt/158295.
[18] Is-sentenza tal-QĠUE tat-22 ta' Marzu 2018, *Emilio De Capitani* vs *Il-Parlament Ewropew*, T-540/15, EU:T:2018:167. is-sentenza tal-QĠUE tal-1 ta' Lulju 2008, *L-Iżvezja u Turco* vs *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, il-Kawżi Magħquda C-39/05 P u C-52/05, EU:C:2008:374.
[19] il-kawża miftuħa fis-7 ta' Mejju 2021, *De Capitani* vs *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, IT-163/21.
[20] Is-sentenza tal-21 ta' April 2021, *Laurent Pech* vs *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-252/19, EU:T:2021:203.

apposta; jinnota, madankollu, li r-reġistru fih ftit wisq dokumenti relatati mal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet konġunti, li hija l-attività ewlenija tal-aġenzija; jenfasizza li din l-informazzjoni hija meħtieġa biex wieħed jifhem il-ħidma tal-aġenzija; japprova r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, wara l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha 4/2021/MHZ, li l-aġenzija għandha tieħu approċċ aktar proattiv għat-trasparenza bl-għan li jiġi żgurat obbligu ta' rendikont akbar għall-operazzjonijiet tagħha;

Sitwazzjoni leġislattiva attwali

7. Jinnota li, b'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-TUE u tat-TFUE, id-dritt tal-aċċess għad-dokumenti jappartjeni lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE[21]; jinnota li minħabba l-obbligi msaħħa tat-trasparenza stabbiliti fit-Trattati, kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma għandhiex tbaxxi l-livell attwali ta' trasparenza; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-ġurisprudenza rilevanti biex ir-regolament jinżamm aġġornat mal-iżviluppi attwali[22]; jenfasizza l-ħtieġa li fi ħdan l-UE il-ġurisprudenza rilevanti tiġi kkodifikata, it-trasparenza tissaħħaħ aktar u l-obbligu ta' rendikont jiġi żgurat;

8. Ifakkar li mhijiex il-forma tad-dokument jew il-fatt li ġie rreġistrat li jagħmluh dokument ta' istituzzjoni partikolari, iżda pjuttost jekk il-kontenut tiegħu jikkonċernax xi kwistjoni relatata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà ta' dik l-istituzzjoni;

Rakkomandazzjonijiet

9. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżid it-trasparenza fi ħdan l-UE abbażi ta' "trasparenza prestabbilita"; Jimplora lill-Kummissjoni ma tikkunsidra l-ebda proposta għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li tmur tnaqqas l-istandards tat-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti; jiddeplora l-fatt li n-negozjati ilhom żmien twil wieqfa u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jissoktaw in-negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħra abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni mill-2008 u l-2011; jinnota li kwalunkwe riforma se jkollha bżonn tindirizza kwistjonijiet ewlenin bħall-kamp ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut, il-verifika tal-interess pubbliku, it-trasparenza fil-proċess leġiżlattiv, u l-oppożizzjoni għall-eżenzjonijiet ta' kategorija; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlament jaħdmu b'mod kostruttiv bil-għan aħħari li jagħtu liċ-ċittadini tal-UE aċċess usa' u mtejjeb għad-dokumenti;

10. Jisħaq fuq kemm hu importanti r-Reġistru tat-Trasparenza tal-Parlament u jitlob li jiddaħħal ir-rekwiżit obbligatorju li l-Membri kollha jippubblikaw il-laqgħat skedati kollha ma' persuni li jkunu esterni għall-Parlament fejn dawn il-laqgħat ikunu relatati ma' xi rapport jew riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew;

11. Jitlob li ssir reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, speċjalment tal-Artikolu 22(c) tagħhom, bil-għan li jiġu allinjati mal-istandards tad-Direttiva dwar l-Informaturi; itenni

[21] L-Artikolu 15(3) tat-TFUE.

[22] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-QĠUE tat-18 ta' Lulju 2017, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Patrick Breyer*, IT-213/15, EU:C:2017:563; is-sentenza tal-QĠUE tal-1 ta' Settembru 2021, *Andrea Homoki* vs *Il-Kummissjoni*, T-517/19, EU:T:2021:529. u s-sentenza tal-QĠUE tal-21 ta' April 2021, *Laurent Pech* vs *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-252/19, EU:C:2021:203.

t-talba tiegħu li jkun hemm kumitat speċjali bil-kompitu li jidentifika d-difetti potenzjali fir-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità u l-korruzzjoni u li jagħmel proposti għal riformi; ifakkar fl-impenn tiegħu li jistabbilixxi kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-każijiet ta' korruzzjoni u ta' azzjonijiet mhux xierqa min-naħa tal-pajjiżi terzi li jippruvaw jixtru l-influwenza fil-Parlament Ewropew; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex twaqqaf korp tal-etika ġdid għall-istituzzjonijiet tal-UE mill-aktar fis possibbli;

12. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet prattiċi tal-Ombudsman dwar kif għandhom jiġu rreġistrati l-messaġġi testwali u l-messaġġi istantanji mibgħuta jew riċevuti mill-membri tal-persunal fil-kapaċità professjonali tagħhom[23]; jirrikonoxxi l-fatt li l-messaġġi testwali u l-messaġġi istantanji relatati max-xogħol huma "dokumenti" skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti u jistieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji l-oħra tal-UE jirrikonoxxu dan ukoll; jistieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji l-oħra tal-UE jużaw interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "dokument", ħaġa li hija partikolarment importanti f'soċjetà tal-informazzjoni u fil-kuntest ta' forom ġodda ta' komunikazzjoni;

13. Jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jkollhom politika ta' "trasparenza mid-disinn" u jippubblikaw id-dokumenti marbuta mal-fajls leġiżlattivi b'mod proattiv, f'perjodu ta' żmien raġonevoli u b'mod li jkun faċli għall-utent; jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jikkonformaw bis-sħiħ mas-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża T-540/15[24] dwar l-aċċess għad-dokumenti tat-trilogi; jinsisti li l-Kunsill għandu jtejjeb ir-regoli u l-proċeduri tiegħu dwar it-trasparenza leġiżlattiva, inkluż l-aċċessibbiltà u l-klassifikazzjoni tad-dokumenti leġiżlattivi;

14. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tabbozza linji gwida interni ġodda dwar it-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti u jistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra jsegwu din l-inizjattiva; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiżgura li l-linji gwida jinvolvu politika ta' "trasparenza mid-disinn" u jirriflettu l-ġurisprudenza rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman minn dawn l-aħħar snin[25];

15. Jitlob li l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE jkunu aktar proattivi fil-pubblikazzjoni tal-istatistika dwar kif jittrattaw it-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti, peress li tali informazzjoni tgħin fil-valutazzjoni tal-approċċ tal-istituzzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti;

16. Ifakkar li applikazzjoni għall-aċċess għal dokument trid tiġi ttrattata fil-pront[26]; jinnota bi tħassib li l-Ombudsman tirċievi ħafna lmenti miċ-ċittadini dwar dewmien estrem biex jiksbu aċċess għad-dokumenti mitluba; jappoġġja l-fehmiet tal-Ombudsman li l-aċċess imdewwem huwa effettivament aċċess miċħud u li l-proċessi amministrattivi għandhom jiġu ssimplifikati biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jirċievu aċċess għad-dokumenti b'mod li

[23] https://www.ombudsman.europa.eu/en/doc/correspondence/en/158383.
[24] Is-sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, *Emilio De Capitani* vs *Il-Parlament Ewropew*, T-540/15, EU:T:2018:167.
[25] Ara, pereżempju, id-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 2142/2018/EWM (https://www.ombudsman.europa.eu/en/decision/mt/122313); is-sentenza tal-QĠUE tal-14 ta' Settembru 2022, *Pollinis France* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawżi Magħquda T-371/20 u T-554/20, EU:T:2022:556; u s-sentenza tal-QĠUE tat-22 ta' Marzu 2018, *Emilio De Capitani* vs *Il-Parlament Ewropew*, T-540/15, EU:T:2018:167.
[26] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, l-Artikolu 7.

jkun f'waqtu; jitlob li jkun hemm aktar data dwar kemm l-istituzzjonijiet jirrispettaw l-iskadenzi;

17. Jinnota bi tħassib li bħalissa l-uniku mod kif iċ-ċittadini jistgħu jikkontestaw ir-rifjut ta' talba għall-aċċess għal dokument huwa billi jiftħu proċedimenti tal-qorti kontra l-istituzzjoni u/jew billi jressqu lment lill-Ombudsman; jitlob li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE jadottaw proċeduri aktar aċċessibbli għat-trattament tal-ilmenti dwar ir-rifjuti li jingħata aċċess; jirrakkomanda, f'dan il-kuntest, il-ħatra ta' uffiċjali għolja indipendenti bil-kapaċità li jeżaminaw mill-ġdid, mingħajr dewmien żejjed, l-appelli li jikkonċernaw talbiet għall-aċċess għad-dokumenti;

°

° °

18. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.